2024/2013

26.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2013

tat-23 ta' Lulju 2024

dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni u għall-qerda tal-*Pomacea* (Perry) u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/697/UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punti (d) sa (g), tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/697/UE ([2]) tistabbilixxi miżuri li jipprevjenu d-dħul u t-tixrid fl-Unjoni tal-ġeneru *Pomacea* (Perry) ("il-pest speċifikat").

(2) L-esperjenza miksuba matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/697/UE turi l-ħtieġa li jiġu aġġornati dawk il-miżuri biex ikun hemm regoli dettaljati għat-twettiq ta' stħarriġiet u li jingħataw aktar dettalji dwar il-miżuri għall-eradikazzjoni tal-pest speċifikat.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([3]) jistabbilixxi, fil-Parti B tal-Anness II, il-lista ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni li huma magħrufa li jeżistu fit-territorju tal-Unjoni.

(4) Il-pest speċifikat huwa inkluż f'dik il-lista, peress li huwa magħruf li jseħħ f'ċerti partijiet tat-territorju tal-Unjoni, u għandu impatt sinifikanti fuq il-pjanti għat-thawwil, għajr iż-żrieragħ, li jistgħu jikbru biss f'ilma ħelu jew f'ħamrija li tkun mistagħdra b'mod permanenti bl-ilma ħelu ("il-pjanti speċifikati").

(5) Sabiex tiġi żgurata detezzjoni bikrija tal-pest speċifikat u l-eradikazzjoni fil-pront tiegħu, jenħtieġ li jitwettqu stħarriġiet annwali f'żoni tat-territorju tal-Unjoni fejn il-pest speċifikat ma jkunx magħruf li huwa preżenti, kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1231 ([4]). Jenħtieġ li dawk l-istħarriġiet ikunu bbażati fuq il-karta tal-istħarriġ tal-pesti tal-pest speċifikat ippubblikata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, peress li din tqis l-aħħar żviluppi xjentifiċi u tekniċi.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/697/UE tat-8 ta' Novembru 2012 dwar miżuri li jipprevjenu d-dħul u t-tixrid fl-Unjoni tal-ġeneru *Pomacea* (Perry) (ĠU L 311, 10.11.2012, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2012/697/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1231 tas-27 ta' Awwissu 2020 dwar il-format u l-istruzzjonijiet għar-rapporti annwali rigward ir-riżultati tal-istħarriġ u dwar il-format tal-programmi ta' stħarriġ pluriennali u l-arranġamenti prattiċi, previsti rispettivament fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 280, 28.8.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1231/oj).

(6) Fid-dawl tal-bijoloġija tal-pest speċifikat, iż-żoni demarkati jenħtieġ li jikkonsistu minn żona infestata ta' mill-inqas 10 m madwar il-post tas-sejba tal-pest speċifikat, jew l-għalqa kollha f'każ li s-sejba tkun f'għalqa kkultivata, u żona ta' lqugħ ta' mill-inqas 500 m madwar iż-żona infestata, iżda li tinkludi biss mogħdijiet tal-ilma u żoni li huma mistagħdra bl-ilma ħelu. Madankollu, meta ż-żona infestata tinkludi parti minn mogħdija tal-ilma, jenħtieġ li ż-żona ta' lqugħ tinkludi wkoll dik il-mogħdija tal-ilma għal tul ta' mill-inqas 1 000 m 'l isfel u 500 m 'il fuq mill-post fejn ikun instab il-pest speċifikat, sabiex jitqies it-tixrid potenzjali tal-pest speċifikat bil-mixja tal-ilma.

(7) L-esperjenza bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/697/UE wriet li n-nies għandhom it-tendenza li jċaqalqu l-pest speċifikat barra miż-żoni demarkati, mingħajr ma jkunu konxji li huwa pest ta' kwarantina li l-introduzzjoni u l-moviment tiegħu fit-territorju tal-UE huma pprojbiti. Għal din ir-raġuni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jrawmu sensibilizzazzjoni pubblika fiż-żoni demarkati rigward it-theddida ta' dak il-pest u rigward il-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni tat-tixrid ulterjuri tiegħu barra minn dawk iż-żoni.

(8) Ladarba l-pest speċifikat ikun ġie identifikat, jenħtieġ li l-miżuri ta' eradikazzjoni jinkludu t-tneħħija u l-qerda tal-pest speċifikat, inkluż il-bajd tiegħu, il-protokolli tal-iġjene għall-makkinarju u t-tagħmir, kif ukoll taħlita ta' trattamenti u strateġiji għall-ġestjoni tal-ilma għall-qerda tiegħu.

(9) Madankollu, f'każijiet ta' sejbiet iżolati jew sejbiet f'pajjiżi fejn, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi, il-pest speċifikat ma jistax jistabbilixxi ruħu, l-istabbiliment ta' żona demarkata jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ meta l-pest speċifikat jinqered immedjatament u jkun hemm evidenza li s-sejba ma tkunx mistennija li twassal għall-istabbiliment. Dan huwa l-aktar approċċ xieraq għal sejbiet iżolati, dment li jitwettqu stħarriġiet biex tiġi kkonfermata l-assenza tal-pest speċifikat.

(10) Għalhekk, u għal raġunijiet ta' ċarezza legali, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/697/UE titħassar, peress li d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid tal-pest speċifikat jenħtieġ li jiġu sostitwiti parzjalment b'dan ir-Regolament u parzjalment bl-Annessi VII u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mis-26 ta' Jannar 2025 sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet rispettivi dwar il-pest speċifikat japplikaw mill-istess data bħal dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2004 ([5]) dwar dak il-pest.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-*Pomacea* (Perry) u miżuri għall-eradikazzjoni tiegħu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pest speċifikat" tfisser l-istadji kollha tal-ħajja tal-ġeneru *Pomacea* (Perry);

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2004 tat-23 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-elenkar tal-pesti u r-regoli dwar l-introduzzjoni u l-moviment fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra (OJ L, 2024/2004, 26.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2004/oj).

(2) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti għat-tħawwil, għajr żrieragħ, li jistgħu jikbru biss f'ilma ħelu jew f'ħamrija li tkun mistagħdra b'mod permanenti bl-ilma ħelu;

(3) "il-karta tal-istħarriġ tal-pesti" tfisser il-pubblikazzjoni "Il-karta tal-istħarriġ tal-pesti dwar il-*Pomacea* spp." [6] tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

Artikolu 3

Stħarriġ tat-territorju tal-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġiet annwali bbażati fuq ir-riskju għall-preżenza tal-pest speċifikat barra miż-żoni demarkati msemmija fl-Artikolu 4, fiż-żoni tat-territorju tal-Unjoni fejn il-pest speċifikat ma jkunx magħruf li huwa preżenti, iżda jista' jiġi stabbilit, filwaqt li titqies l-informazzjoni msemmija fil-karta tal-istħarriġ tal-pesti.

2. L-istħarriġ għandu jikkonsisti minn eżamijiet viżwali, fl-aktar żminijiet xierqa, biex jiġi identifikat il-pest speċifikat, fl-għelieqi tal-pjanti speċifikati u fl-artijiet mistagħdra naturali jew artifiċjali, bħal xmajjar, lagi, għadajjar, kanali tal-irrigazzjoni.

Artikolu 4

Stabbiliment ta' żoni demarkati

1. Fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment, l-Istat Membru kkonċernat, mingħajr dewmien, għandu jistabbilixxi żona demarkata li tikkonsisti minn:

(a) żona infestata, inkluża mill-inqas iż-żona f'raġġ ta' 10 m madwar il-post fejn ikun instab il-pest speċifikat jew fil-każ fejn il-pest speċifikat jinstab f'għalqa kkultivata, l-għalqa kollha u

(b) żona ta' lqugħ wiesgħa mill-inqas 500 m madwar iż-żona infestata.

2. Iż-żona ta' lqugħ għandha tinkludi biss mogħdijiet tal-ilma u żoni mistagħdra bl-ilma ħelu. Fejn iż-żona infestata tinkludi parti minn mogħdija tal-ilma, iż-żona ta' lqugħ għandha tinkludi dik il-mogħdija tal-ilma għal tul ta' mill-inqas 1 000 m 'l isfel u 500 m 'il fuq mill-post fejn instab preżenti l-pest speċifikat.

3. F'każijiet fejn iż-żoni ta' lqugħ ta' żoni demarkati differenti jiltaqgħu, għandha tiġi stabbilita żona demarkata ġdida li tinkludi ż-żona koperta miż-żoni infestati u miż-żoni ta' lqugħ rilevanti, sabiex tiġi żgurata delimitazzjoni ċara taż-żona demarkata.

4. Jekk il-pest speċifikat jinstab li jkun preżenti fiż-żona ta' lqugħ, id-delimitazzjoni taż-żona infestata u taż-żona ta' lqugħ għandha tiġi emendata kif xieraq.

5. Fiż-żoni demarkati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom irawmu sensibilizzazzjoni pubblika rigward it-theddida tal-pest speċifikat u rigward il-miżuri adottati għall-prevenzjoni tat-tixrid ulterjuri tiegħu barra minn dawk iż-żoni. Huma għandhom jiżguraw li l-pubbliku ġenerali u l-operaturi professjonali jkunu konxji tad-delimitazzjoni taż-żoni demarkati.

Artikolu 5

Deroga mill-istabbiliment ta' żoni demarkati

1. B'deroga mill-Artikolu 4(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħżlu li ma jistabbilux żona demarkata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pest speċifikat ikun instab f'wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) korp tal-ilma iżolat (eż. għadira, lag);

[6] L-EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2020. Il-karta tal-istħarriġ tal-pesti dwar il-*Pomacea* spp. Pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2020:EN-1877. 37 pp. doi:10.2903/sp.efsa.2020.EN-1877.

(ii) sit tal-produzzjoni li jkun fiżikament iżolat mill-passaġġi fuq l-ilma tal-madwar;

(iii) korp tal-ilma naturali fejn, minħabba t-temperaturi baxxi, il-pest speċifikat ma jistax jistabbilixxi ruħu;

(b) ikun hemm evidenza li l-pest speċifikat ma ħariġx mill-post fejn ikun instab;

(c) ikun hemm evidenza li hija sejba iżolata li ma hijiex mistennija li twassal għall-istabbiliment tal-pest speċifikat;

(d) ma jkun hemm l-ebda konnessjoni tal-ilma li tippermetti t-tixrid naturali tal-pest speċifikat bejn il-post tas-sejba u l-ambjent naturali fil-każijiet deskritti fil-punti 1(a)(i) u (ii);

(e) f'każ li jkun hemm sistema ta' tisfija fil-korp tal-ilma, dik is-sistema tkun tnaddfet biex tiġi żgurata l-assenza tal-pest speċifikat.

2. Meta l-awtorità kompetenti tapplika d-deroga prevista fil-paragrafu 1, hija għandha:

(a) tieħu l-miżuri biex tiżgura l-eradikazzjoni minnufih tal-pest speċifikat u teskludi l-possibilità tat-tixrid tiegħu;

(b) tittraċċa lura l-oriġini tal-infestazzjoni u tinvestiga l-mogħdijiet assoċjati mas-sejba tal-pest speċifikat kemm jista' jkun;

(c) tqajjem sensibilizzazzjoni pubblika dwar it-theddida tal-pest speċifikat; kif ukoll

(d) twettaq eżamijiet viżwali fis-sit fejn ikun instab il-pest speċifikat u fl-inħawi ta' madwaru, għal mill-inqas sentejn wara s-sejba, biex tiżgura l-assenza tal-pest speċifikat fil-każijiet deskritti fil-punti 1(a)(i) u (ii).

Artikolu 6

Miżuri ta' qerda

Il-miżuri ta' eradikazzjoni għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) it-tneħħija u l-qerda tal-pest speċifikat;

(b) monitoraġġ intensiv għall-preżenza tal-pest speċifikat, bi spezzjonijiet darbtejn fis-sena u b'attenzjoni speċifika fuq iż-żona ta' lqugħ;

(c) protokoll tal-iġjene għall-makkinarju kollu tal-agrikoltura u tal-akkwakultura użat, li jista' jiġi f'kuntatt mal-pest speċifikat u jkun kapaċi jxerrdu;

(d) protokoll tal-iġjene għat-tagħmir kollu għall-attivitajiet nawtiċi u għad-dgħajjes tas-sajd, inklużi x-xbieki tas-sajd, li jibqgħu statiċi fiż-żona demarkata;

(e) taħlita ta' trattamenti kontra l-pest speċifikat u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż it-tnixxif ta' plottijiet, lagi artifiċjali, għadajjar u kanali tal-irrigazzjoni, f'dawk iż-żoni fejn huwa possibbli.

Artikolu 7

Stħarriġ annwali fiż-żoni demarkati

1. Fiż-żoni demarkati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġiet annwali, kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, biex jidentifikaw il-preżenza tal-pest speċifikat, filwaqt li jqisu l-informazzjoni msemmija fil-karta tal-istħarriġ tal-pesti.

2. Dawk l-istħarriġiet għandhom jikkonsistu minn:

(a) eżamijiet viżwali, fl-aktar żminijiet xierqa biex jiġi identifikat il-pest speċifikat, fl-għelieqi tal-pjanti speċifikati u fl-artijiet mistagħdra naturali jew artifiċjali, bħal xmajjar, lagi, għadajjar, kanali tal-irrigazzjoni; kif ukoll

(b) kampjunar u ttestjar, fil-każ ta' sejbiet jew suspett ta' sejbiet tal-pest speċifikat.

Artikolu 8

Tneħħija tad-demarkazzjoni

Id-demarkazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tista' titneħħa jekk, abbażi tal-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-pest speċifikat ma jiġix identifikat fiż-żona demarkata għal mill-inqas 4 snin konsekuttivi.

Artikolu 9

Obbligi ta' rappurtar

Sat-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra r-riżultati tal-istħarriġiet imwettqa, fis-sena kalendarja preċedenti, skont:

(a) l-Artikolu 3, barra miż-żoni demarkati, matul is-sena kalendarja preċedenti, bl-użu tal-mudelli stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1231;

(b) l-Artikolu 7, fiż-żoni demarkati, matul is-sena kalendarja preċedenti, bl-użu ta' wieħed mill-mudelli stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Tħassir tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/697/UE

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/697/UE titħassar.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mis-26 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

MUDELLI GĦAR-RAPPORTI TAR-RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠIET ANNWALI MWETTQA SKONT L-ARTIKOLU 7

PARTI A

1. Mudell għar-rapportar tar-riżultati tal-istħarriġiet annwali

1. Deskrizzjoni taż-Żona Demarkata (ŻD)		2. Daqs inizjali taż-ŻD (ettari)	3. Daqs aġġornat taż-ŻD (ettari)	4. Approċċ (qerda jew trażżin)	5. Żona	6. Siti ta' stħarriġ		7. Żoni ta' riskju identifikati	8. Żoni ta' riskju spezzjonati	9. Materjal tal-pjanti / Komodità	10. Lista ta' speċijiet tal-pjanti ospitanti	11. Skedar	12. Dettalji tal-istħarriġ A) Numru ta' eżamijiet viżwali B) Numru totali ta' kampjuni meħuda C) Tip ta' nases (jew metodu alternattiv ieħor (eż. sweep nets)) D) Numru ta' nases (jew metodu ta' qbid ieħor) E) Numru ta' siti ta' qbid, meta jkun differenti mid-data rrapportata f'(D) F) Tip ta' testijiet (eż. identifikazzjoni mikroskopika, PCR, ELISA, eċċ.) G) Numru totali ta' testijiet H) Miżuri oħra (eż. klieb tat-tfittxija, droni, ħelikopters, kampanji ta' sensibilizzazzjoni eċċ.)									13. Numru ta' kampjuni sintomatiċi analizzati: i: Totali ii: Pożittiv iii: Negattiv iv: Mhux definit				14. Numru ta' kampjuni asintomatiċi analizzati: i: Totali ii: Pożittiv iii: Negattiv iv: Mhux definit				15. Numru tan-notifika tat-tifqigħat innotifikati, kif ikun applikabbli, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715		16. Kummenti
Isem	Id-data tal-istabbiliment					Deskrizzjoni	Numru						1) Numru ta' miżuri oħra																							
													A	B	C	D	E	F	G	H	I	i	ii	iii	iv	i	ii	iii	iv	Numru	Data	

2. **Struzzjonijiet dwar kif jimtela l-mudell**

Jekk jimtela dan il-mudell, ma għandux għalfejn jimtela l-mudell fil-Parti B ta' dan l-Anness.

Għall-kolonna 1: Indika l-isem taż-żona ġeografika, in-numru tat-tifqigħa jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' din iż-żona demarkata (ŻD) u d-data meta ġiet stabbilita.

Fil-kolonna 2: Indika d-daqs taż-ŻD qabel il-bidu tal-istħarriġ.

Għall-kolonna 3: Indika d-daqs taż-ŻD wara l-istħarriġ.

Għall-kolonna 4: Indika l-approċċ: Eradikazzjoni jew Trażżin. Jekk jogħġbok, inkludi r-ringieli kollha li hemm bżonn, skont in-numru ta' ŻD u l-approċċi li dawn iż-żoni huma soġġetti għalihom.

Għall-kolonna 5: Indika ż-żona taż-ŻD fejn twettaq l-istħarriġ, u inkludi kemm hemm bżonn ringieli: Żona infestata (ŻI) jew żona ta' lqugħ (ŻL) billi tuża ringieli separati. Meta jkun il-każ, indika ż-żona taż-ŻL fejn sar l-istħarriġ (eż. l-aħħar 20 km maġenb iż-ŻL, madwar mixtla, eċċ.) f'ringieli differenti.

Għall-kolonna 6: Indika l-għadd u d-deskrizzjoni tas-siti tal-istħarriġ, billi tagħżel waħda mill-entrati li ġejjin għad-deskrizzjoni:

1. Fil-beraħ (żona tal-produzzjoni): 1.1. għalqa (ikkultivata, bur); 1.2. imsaġar/vinji; 1.3. mixtla; 1.4. foresta;

2. Fil-beraħ (oħrajn): 2.1. ġnien privat; 2.2. siti pubbliċi; 2.3. żona ta' konservazzjoni; 2.4. pjanti selvaġġi f'żoni għajr żoni ta' konservazzjoni; 2.5. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam, artijiet mistagħdra, network tat-tisqija u tad-drenaġġ);

3. Kundizzjonijiet magħluqa fiżikament: 3.1. serra; 3.2. sit privat, għajr serra; 3.3. sit pubbliku, għajr serra; 3.4. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam).

Għall-kolonna 7: Indika liema huma ż-żoni ta' riskju identifikati abbażi tal-bijoloġija tal-pest(i), il-preżenza tal-pjanti ospitanti, il-kundizzjonijiet ekoklimatiċi u l-postijiet ta' riskju.

Għall-kolonna 8: Indika ż-żoni ta' riskju inklużi fl-istħarriġ, minn dawk identifikati fil-kolonna 7.

Għall-kolonna 9: Indika l-pjanti, il-frott, iż-żrieragħ, il-ħamrija, il-materjal tal-ippakkjar, l-injam, il-makkinarju, il-vetturi, l-ilma, oħrajn, filwaqt li tispeċifika l-każ speċifiku.

Għall-kolonna 10: Indika l-lista ta' speċijiet/ġeneri tal-pjanti mistħarrġa bl-użu ta' ringiela waħda għal kull speċi/ġeneru ta' pjanta.

Għall-kolonna 11: Indika x-xhur tas-sena meta twettaq l-istħarriġ.

Għall-kolonna 12: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' kolonna partikolari ma tkunx applikabbli.

Fil-kolonni 13 u 14: Indika r-riżultati, jekk applikabbli, u pprovdi l-informazzjoni disponibbli fil-kolonni korrispondenti. "Mhux determinati" huma dawk il-kampjuni analizzati li għalihom ma nkiseb l-ebda riżultat minħabba fatturi differenti (eż. taħt il-livell tad-detezzjoni, kampjun mhux ipproċessat mhux identifikat, antik).

Għall-kolonna 15: Indika n-notifiki tat-tifqigħat tas-sena meta sar l-istħarriġ għas-sejbiet fiż-ŻL. In-numru tan-notifika tat-tifqigħat ma hemmx għalfejn jiġi inkluż meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li s-sejba hija waħda mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(2) jew fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031. F'dan il-każ, indika r-raġuni għaliex ma pprovdejtx din l-informazzjoni fil-kolonna 16 ("Kummenti").

PARTI B

1. **Mudell għar-rapportar tar-riżultati tal-istħarriġiet annwali bbażati fuq l-istatistika**

1. Deskrizzjoni taż-Żona Demarkata (ŻD)		2. Daqs inizjali taż-ŻD (ettari)	3. Daqs aġġornat taż-ŻD (ettari)	4. Approċċ	5. Żona	6. Siti ta' stħarriġ		7. Skedar	A. Definizzjoni tal-istħarriġ (parametri ta' input għal RiBESS+)												B. Sforz tal-kampjunar							C. Riżultati tal-istħarriġ							
									8. Popolazzjoni fil-mira			9. Unitajiet epidemjoloġiċi		10. Metodi ta' skoperta				11. Effettività tal-kampjunar	12. Sensittività tal-metodu	13. Fatturi ta' riskju (attivitajiet, postijiet u żoni)					14. Nru ta' unitajiet epidemjoloġiċi spezzjonati	15. Nru ta' eżamijiet viżwali	16. Nru ta' kampjuni	17. Nru ta' nases	18. Nru ta' siti tal-insib	19. Nru ta' testijiet	20. Nru ta' miżuri oħra	21. Riżultati			22. Numru tan-notifika tat-tifqigħat innotifikati, kif ikun applikabbli, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715		23. Livell ta' fiduċja miksub	24. Prevalenza prevista	25. Kummenti
Isem	Id-data tal-istabbiliment					Deskrizzjoni	Numru		Speċijiet ospitanti	Żona (ettari jew unità oħra iktar rilevanti)	Unitajiet tal-ispezzjoni	Deskrizzjoni	L-unitajiet	Testijiet viżwali	Insib	Ittestjar	Metodi oħra			Fattur ta' riskju	Livelli ta' riskju	Nru ta' postijiet	Riskji relattivi	Proporzjon tal-popolazzjoni ospitanti							Pożittiv	Negattiv	Mhux definit	Numru	Data			

2. **Struzzjonijiet dwar kif timla l-mudell**

Spjega s-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tfassil tal-istħarriġ għal kull pest. Ikteb fil-qosor u ġġustifika:

— il-popolazzjoni fil-mira, l-unità epidemjoloġika u l-unitajiet tal-ispezzjoni;

— il-metodu tad-detezzjoni u s-sensittività tal-metodu;

— il-fattur(i) tar-riskju, u indika l-livelli tar-riskju u r-riskji u l-proporzjonijiet relattivi korrispondenti tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti.

Għall-kolonna 1: Indika l-isem taż-żona ġeografika, in-numru tat-tifqigħa jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' din iż-żona demarkata (ŻD) u d-data meta ġiet stabbilita.

Fil-kolonna 2: Indika d-daqs taż-ŻD qabel il-bidu tal-istħarriġ.

Għall-kolonna 3: Indika d-daqs taż-ŻD wara l-istħarriġ.

Għall-kolonna 4: Indika l-approċċ: Eradikazzjoni jew Trażżin. Jekk jogħġbok inkludi r-ringieli kollha li hemm bżonn, skont in-numru ta' ŻD għal kull pest u l-approċċi li dawn iż-żoni jkunu soġġetti għalihom.

Għall-kolonna 5: Indika ż-żona taż-ŻD fejn twettaq l-istħarriġ, u inkludi kemm hemm bżonn ringieli: Żona infettata (ŻI) jew żona ta' lqugħ (ŻL), bl-użu ta' ringieli separati. Meta applikabbli, indika l-erja taż-ŻI fejn twettaq l-istħarriġ (eż. l-aħħar 20 km ħdejn iż-ŻL, madwar il-mixtliet, eċċ.) f'ringieli differenti.

Għall-kolonna 6: Indika l-għadd u d-deskrizzjoni tas-siti tal-istħarriġ, billi tagħżel waħda mill-entrati li ġejjin għad-deskrizzjoni:

1. Fil-beraħ (żona tal-produzzjoni): 1.1. għalqa (ikkultivata, bur); 1.2. imsaġar/vinji; 1.3. mixtla; 1.4. foresta;

2. Fil-beraħ (oħrajn): 2.1. ġonna privati; 2.2. siti pubbliċi; 2.3. żona ta' konservazzjoni; 2.4. pjanti selvaġġi f'żoni għajr żoni ta' konservazzjoni; 2.5. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam, artijiet mistagħdra, network tat-tisqija u tad-drenaġġ, eċċ.);

3. Kundizzjonijiet magħluqa fiżikament: 3.1. serra; 3.2. sit privat, għajr serra; 3.3. sit pubbliku, għajr serra; 3.4. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam).

Għall-kolonna 7: Indika x-xhur tas-sena meta twettqu l-istħarriġiet.

Għall-kolonna 8: Indika l-popolazzjoni fil-mira magħżula billi tipprovdi kif ikun xieraq il-lista tal-ispeċijiet/ġeneri ospitanti u ż-żona koperta. Il-popolazzjoni fil-mira hija definita bħala l-grupp ta' unitajiet ta' spezzjoni. Id-daqs tagħha huwa definit tipikament għal żoni agrikoli bl-ettari, iżda jista' jkun lottijiet, għelieqi, serer, eċċ. Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla li saret fis-suppożizzjonijiet sottostanti. Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla magħmula fis-suppożizzjonijiet sottostanti. Indika l-unitajiet ta' spezzjoni mistħarrġa. "Unità ta' spezzjoni" tfisser pjanti, partijiet ta' pjanti, komoditajiet, materjali, vetturi ta' pesti li ġew eżaminati bir-reqqa għall-identifikazzjoni u għad-detezzjoni tal-pesti.

Għall-kolonna 9: Indika l-unitajiet epidemjoloġiċi li ġew mistħarrġa, li jindikaw id-deskrizzjoni u l-unità tal-kejl. "Unità epidemjoloġika" tfisser żona omoġenja fejn l-interazzjonijiet bejn il-pest, il-pjanti ospitanti u l-fatturi u l-kundizzjonijiet abijotiċi u bijotiċi jirriżultaw fl-istess epidemjoloġija, jekk il-pest ikun preżenti. L-unitajiet epidemjoloġiċi huma suddiviżjoni tal-popolazzjoni fil-mira li huma omoġenji f'termini tal-epidemjoloġija b'mill-inqas pjanta ospitanti waħda. F'xi każijiet il-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti kollha f'reġjun/żona/pajjiż tista' tiġi definita bħala unità epidemjoloġika. Dawn jistgħu jkunu reġjuni tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), żoni urbani, foresti, ġonna tal-ward jew irziezet, jew ettari. L-għażla tal-unitajiet epidemjoloġiċi għandha tiġi ġġustifikata fis-suppożizzjonijiet sottostanti.

Għall-kolonna 10: Indika l-metodi li ntużaw matul l-istħarriġ inkluż in-numru ta' attivitajiet f'kull każ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' kolonna partikolarti ma tkunx disponibbli.

Għall-kolonna 11: Indika stima tal-effettività tal-kampjunar. L-effettività tal-kampjunar tfisser il-probabbiltà li jintgħażlu partijiet ta' pjanti infettati minn pjanta infettata. Għall-vetturi, hija l-effettività tal-metodu li jaqbad vettur pożittiv meta jkun preżenti fiż-żona tal-istħarriġ. Għall-ħamrija, hija l-effettività tal-għażla ta' kampjun tal-ħamrija li jkun fih il-pest meta l-pest ikun preżenti fiż-żona tal-istħarriġ.

Għall-kolonna 12: “Sensittività tal-metodu” tfisser il-probabbiltà ta’ metodu li jagħmel detezzjoni korretta tal-preżenza tal-pest. Is-sensittività tal-metodu hija definita bħala l-probabbiltà li ospitant verament pożittiv jittestja pożittiv. Hija l-multiplikazzjoni tal-effettività tal-kampjunar (jiġifieri l-probabbiltà li jintgħażlu partijiet infettati tal-pjanta minn pjanta infettata) bis-sensittività dijanjostika (karatterizzata mill-ispezzjonijiet viżwali u/jew mit-test tal-laboratorju użati fil-proċess ta’ identifikazzjoni).

Għall-kolonna 13: Ipprovdi l-fatturi ta’ riskju f’kolonni differenti, u uża kemm hemm bżonn ringieli. Għal kull fattur ta’ riskju indika l-livell ta’ riskju u r-riskju relattiv korrispondenti u l-proporzjon tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti.

Għall-kolonna B: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi għal kull pest. Indika b’M/A meta l-informazzjoni ta’ kolonna partikolari ma tkunx applikabbli. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f’dawn il-kolonni hija relatata mal-informazzjoni inkluża fil-kolonna 10 “Metodi ta’ detezzjoni”.

Għall-kolonna 18: Indika n-numru ta’ siti tal-insib f’każ li dan in-numru jkun differenti min-numru ta’ nases (il-kolonna 17) (eż. l-istess nassa tintuża f’postijiet differenti).

Għall-kolonna 21: Indika n-numru ta’ kampjuni li nstabu pożittivi, negattivi jew mhux determinati. “Mhux determinati” huma dawk il-kampjuni analizzati li għalihom ma nkiseb l-ebda riżultat minħabba fatturi differenti (eż. taħt il-livell tad-detezzjoni, kampjun mhux ipproċessat mhux identifikat, antik).

Għall-kolonna 22: Indika n-notifiki tat-tifqigħat tas-sena meta twettaq l-istħarriġ. In-numru tan-notifika tat-tifqigħat ma hemmx għalfejn jiġi inkluż meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li s-sejba hija waħda mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(2) jew fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031. F’dan il-każ, indika r-raġuni għaliex ma pprovdejtx din l-informazzjoni fil-kolonna 25 (“Kummenti”).

Għall-kolonna 23: Indika s-sensittività tal-istħarriġ, kif definit fl-Istandard Internazzjonali għall-Miżura Fitosanitarja (ISPM) Nru 31. Dan il-valur tal-livell ta’ fiduċja miksub tal-helsien mill-pesti huwa kkalkulat abbażi tal-eżamijiet (u/jew tal-kampjuni) imwettqa fid-dawl tas-sensittività tal-metodu u tal-prevalenza tad-disinn.

Fil-kolonna 24: Indika l-prevalenza tat-tfassil ibbażata fuq stima ta’ qabel l-istħarriġ tal-probabbiltà ta’ prevalenza reali tal-pest fl-għalqa. Il-prevalenza tad-disinn hija stabbilita bħala mira tal-istħarriġ u tikkorrispondi mal-kompromess li l-maniġers tar-riskju qed jagħmlu bejn ir-riskju li jkollhom il-pest u r-riżorsi disponibbli għall-istħarriġ. Tipikament, għal stħarriġ ta’ detezzjoni jiġi stabbilit valur ta’ 1 %.